MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2011

Appell Kriminali Numru. 69/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Etienne Formosa**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-5 t’Awwissu, 2009 ghall-habta ta’ 16.30 hrs u fil-granet ta’ qabel din id-data gewwa l-fond komun ta’ Clover Crt, Triq it-Tiben, M’Scala, bl-imgieba tieghu kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta’ fastidju ghal Rita Piscopo.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-12 ta’ Frar, 2010, li biha, lliberat lill-appellat stante li l-akkuza ma kienitx sufficjentement ippruvata.

Rat ir-rikors tal-appellanti l-parti civili Rita Piscopo minnha pprezentat fit-22 ta’ Frar, 2010, li bih talbet li din il-Qorti

joghgobha tibdel is-sentenza w issib lill-appellat hati kif akkuzat u tiehu l-provvedimenti xierqa biex tipprotegi l-interessi tal-parti civili.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ma haditx kont xieraq tax-xhieda quddiem il-Qorti. Hija tat kaz biss tax-xhieda tal-akkuzat u tal-qraba tieghu li ffalsifikaw r-rakkont ta' kif graw l-affarijiet. Dawn kollha quddiem il-Qorti xehedu li l-akkuzat w bintu kienu ghadhom 'l boghod mill-bieb ta' barra tal-komun. Mentri l-parti civili xehedet dak li rat, ossia li bintha minuri tipprova zzomm il-bieb miftuh waqt li l-akkuzat bil-herra ghalaq l-istess bieb biex pogga fil-periklu li twegga lill-minuri bint il-parti civili.

Illi dan l-agir, li pprovoka lill-parti civili, ta fastidju kbir lil Rita Piscopo, omm il-minuri, u din ammonitha biex ma tweggax lil bintha w ghajtet mal-akkuzat.

Illi dan il-fatt jirrizulta ammess mill-akkuzat innifsu li lis-surgent tal-Pulizija ddikjaralu li hu ghalaq il-bieb bil-herra mhux biex iwegga lit-tifla imma biex jevita li din tohrog u titajjar minn xi karozza.

Ikkunsidrat :

Illi fl-udjenza tas-26 ta' Novembru 2010 waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell l-Avukat Difensur ta' Etienne Formosa ecepixxa n-nullita' tal-appell peress illi l-argumenta illi parti civili f'kawza kriminali ma kellux dritt ta' appell.

Wara li semghet l-argumenti mill-parti civili appellanti kif ukoll il-parti appellata, l-Qorti jidrilha illi l-argumenti ta' l-appellata Etienne Formosa jaghmlu aktar sens legali.

Il-Qorti taghmel referenza ghal kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jacqueline Leonard deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali kif preseduta fil-21 ta' Jannar 2011. A skanz ta' ripetizzjoni jaghmel referenza ghal dak ikkwotat u cioe`
*"il-Qorti jidrilha li l-appellat ghandu ragun. Il-Qorti Kriminali jitkellem car dwar min jista' jappella minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali"*
*U hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal kawza l-Pulizija vs Alfred Vella deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali 24 ta' Frar, 2000 fejn, fost affarijiet ohra qalet :*
*"jistghu jappellaw il-persuni misjuba hatja f'kull kaz (Artikolu 413(1)(a)) u fil-kazijiet espressament imsemmija fl-artikolu 413(1)(b) l-Avukat Generali u fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 373 il-kwerelant, jigifieri l-kwerelant jista' jappella biss meta*
*a) ir-reat ikun ta' kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, jigifieri jkun inkwadra dak li jipprovdi l-artikolu 370(1) tal-Kodici Kriminali moqri flimkien mal-artikolu 371;*
b) *l-azzjoni kriminali fir-rigward ta' dak ir-reat ma tkunx tista' titmexxa hlief bil-kwerela tal-offiz;*
c) *il-prosekuzzjoni titmexxa mill-offiz kif provdut fl-artikolu 374 tal-Kodici Kriminali b'mod li s-sentenza tinghata fil-konfront tal-kwerelant (l-offiz) u tal-kwerelat (l-imputat) (u ghalhekk fl-okkju tas-sentenza jkun jidher li l-partijiet fil-kawzahuma l-kwerelant u l-imputat u mhux il-Pulizija w l-imputat)".*

F'dan il-kaz il-kontravenzjonijiet ipottizzati huma kollha ta' kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali izda mhumiex kontravenzjonijiet li l-azzjoni fir-rigward taghhom tinhtieg il-kwerela tal-parti leza. Dawn il-kontravenzjonijiet huma prosegwibbli ex officio mill-Pulizija peress illi jiledu drittijiet kontra l-ordni pubbliku u m'hemmx ghalfejn kwerela tat-tmexxija tal-azzjoni.

F'dan il-kaz inoltre, l-prosekuzzjoni tmexxiet mill-prosekuzzjoni ezekuttiva w mhux mill-kwerelant jew il-parti leza, tant li s-sentenza inghatat fil-konfront tal-Pulizija w

tal-imputata Etienne Formosa (ara Pulizija vs Joseph Bugeja Appell 439/07G 25.01.2008).

Terga f'dan il-kaz, il-parti leza ma kkostitwixxiet ruhha bhala parti civili fil-kawza fit-termini tas-subartikolu 3 tal-artikolu 410 tal-Kodici Kriminali.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-parti civili m'ghandhix dritt ta' appell.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tiddikjara l-appell irritu u null u tastjeni mill-tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------